# Din Gżira Niexfa

Clare Azzopardi

Tawha loqma ħobż –
u mal-ponot ta' subgħajja weħlet l-*inġera*
bl-istejjer
tal-iljieli ġoċ-ċelel Ħal Safi
bla rqad
tisfolja l-iswed.

*Ma ġibtx ftit ħamrija miegħek?* staqsejtha,
ħa tfakkrek fil-qroll imbaskat
fuq il-ħaddejn? Din gżira niexfa
u li kieku kulħadd joffrilha ftit ħamrija
kieku,
minn kull memorja skarnata
tinbet ħrafa ġdida.
*Hawn ara*, qaltli, u malli fetħet idejha
rajt il-biża' ggranfat mal-kesħa tal-lejl
fuq dgħajsa tigref l-ikħal tal-Mediterran,
rajt lil ħalqha msaqqaf bil-kliem
ta' ħafna stejjer bla tmiem
xfar għajnejha mburġati bir-rabja li
niżlet
lewlu
ma' ħaddejha.